# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)
## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

**Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur James Grech u Hubert Cini)**

**vs**

**Carmel Mugliett**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat **Carmel Mugliett** detentur tal-karta tal-identita bin-numru 457762M u li ġie mixli talli

1. Nhar il-11 ta' Mejju 2015 għall-ħabta tal-14:30 ikkommetta serq ta' I pads, arloġġi tal-idejn u/jew oġġetti oħra minn residenza 210, Triq il-Liedna, l-Fgura liema serq kien ikkwalifikat bil-valur li jeċedi l-ammont ta' €2329.37 u bil-lok għad-detriment ta' Keith Simiana, Muriel Bellizzi u/jew persuni oħra;
2. U aktar talli wettaq dan ir-reat punibbli bi priġunerija waqt perjodu operattiv ta' ordni ta' probation għal żmien tliet snin mogħtija lilu minn din il-Qorti presjeduta mill-Maġistrat Dottor Doreen Clarke nhar it-28 ta' Lulju 2014.

3. Il-Qorti ġiet mitluba wkoll titratta mal-imputat bħala reċidiv b'diversi sentenzi definittivi u dan ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali.
4. Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex tikkundanna lill-imputat għall-ħlas tal-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat li matul is-seduta tal-20 t'April 2016 l-Uffiċjal Prosekutur James Grech ikkonferma l-imputazzjonijiet bil-ġurament tiegħu;

Rat li matul l-istess eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat, debitament assistit stqarr li ma kienx ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih.

Rat li l-Qorti bdiet tisma' l-provi f'dan il-każ u tirċievi d-dokumenti prodotti;

Rat li matul is-seduta tas-7 ta' Diċembru 2016 l-imputat, debitament assistit mill-Avukat Dottor Christopher Chircop tenna li huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tiegħu inkluż fis-sens illi għar-reati li għadu kif ammetta għalihom jista' jingħata piena ta' priġunerija jew pieni statutorji oħra u

wara li tagħtu żmien biżżejjed sabiex jiddeċiedi jekk hux sejjer jerġa lura minnha, l-imputat wieġeb li huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu;

Il-Qorti fid-dawl tal-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat, kif ukoll li dan sar fil-parametri tal-Artikolu 392A(1)(2) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti, wara li kkonvertiet ruħha f'Qorti ta' Ġudikatura Kriminali qieset li ma għandhiex alternattiva għajr ħlief li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu;

Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali kollha, inkluż il-fedina penali tal-imputat u semgħet lill-partijiet jittrattaw dwar il-piena.

***<u>Ikkunsidrat : -</u>***

Illi l-imputat ammetta inkondizzjonatament għall-imputazzjonijiet kontestati lilu, inkluż il-fatt li huwa wettaq dawn ir-reati matul il-perjodu li kien fis-seħħ ordni ta' probation, kif ukoll ir-reċidiva kemm dik taħt l-artikoli 49 u 50 kif ukoll dik speċifika taħt l-Artikolu 289 tal-Kodiċi Kriminali, u dan wara li l-kawża kienet diġa mmaturat sewwa fil-ġbir tal-provi. Għalhekk skond kif mgħallem diversi drabi minn dawn il-Qrati fis-sentenzi tagħhom, l-imputat ma jistax f'dan l-istadju jingħata l-benefiċċju ta' tnaqqis fil-piena minħabba ammissjoni bikrija u dan għaliex l-ammissjoni tiegħu ma saretx fil-bidu tal-proċeduri.

Il-Qorti semgħet ukoll li l-imputat stqarr magħha li huwa kellu bżonn min jifhmu u min jagħdru għaliex kellu trobbija diffiċli u żgħożija imqalba. Din il-Qorti jisgħob biha li l-imputat kellu ħajja diffiċli. Biss rat ukoll li huwa kien diġa ingħata diversi opportunitajiet minn dawn il-Qrati biex jipprova jgħin lilu nnifsu u jsib l-għajnuna meħtieġa. Fil-fatt huwa għadu kif ammetta għal imputazzjoni li kkommetta s-serqa li biha ġie mixli quddiem din il-Qorti waqt li kien taħt ordni ta' probation, u li kienet magħmula lilu minn din il-Qorti diversament presjeduta apposta biex ikun jistgħa jiġi mgħejjun jegħleb id-diffikultajiet tiegħu. Biss jidher li sabha diffiċli wisq għax f'anqas minn sena minn dik is-sentenza ikkommetta s-serqa li waslitu quddiem din il-Qorti.

Il-Qorti tapprezza li l-imputat għaraf ir-responsabbilta' tiegħu u ammetta għas-serqa li biha jinsab akkużat u li kkawżat trawma u sens ta' biża enormi fil-koppja żagħżugħa li ġiet misruqa fil-waqt li kienu għadhom qegħdin jirranġaw id-dar tagħhom.

L-imputat irid ukoll jagħraf mhux biss kemm bagħta hu f'ħajtu iżda jrid ukoll japprezza kemm b'għemilu ġab biża, dwejjaq u tbagħtija lil vitmi tas-serq tiegħu li żgur ma kienu jaħtu xejn. B'egħmilu għamel ħsara lil ħaddieħor u lejh innifsu għalxejn. U din ma kienetx l-ewwel darba li kiser il-Liġi tant li huwa pluri-reċidiv b'diversi sentenzi li wkoll kienu minħabba li kien seraq diversi drabi fil-passat.

Din il-Qorti ma tistax issa terġa tqegħdu taħt probation oħra, ġaladarba ammetta li kisirha, u issa għalhekk tinsab b'idejha marbuta billi bilfors timponi sentenza ta' priġunerija effettiva.[1]

# DEĊIDE :-

li wara li rat l-Artikoli 17, 49, 50, 261(c)(e), 267, 269(g), 279, 280(1), 289 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, fuq l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu stess, il-Qorti qegħdha ssib lil **Carmel Mugliett**, reċidiv f'delitti, ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u tikkundannah:-

(1) Kwantu għas-serqa li biha ġie mixli quddiem din il-Qorti għall-perjodu ta' **tliet (3) snin priġunerija**;

(2) Kwantu għall-ksur tal-ordni tal-probation, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 7 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta :

(i) qed issib lil Carmel Mugliett ħati li wettaq id-delitt ta' serq kwalifikat matul il-perjodu ta' probation u għalhekk li kiser il-kundizzjonijiet tal-ordni ta' probation mogħtija lilu aktar il-fuq imsemmija fl-imputazzjonijiet

[1] li tenut kont taċ-ċirkostanzi tal-każ, mhix ser tkun lejn il-massimu, li f'dan il-każ, għall-ewwel imputazzjoni biss (jekk jittieħed qies tal-fatt li l-imputat ammetta mhux biss li l-valur tal-oġġetti misruqa kien jaqbeż l-€2329.37 iżda wkoll li huwa reċidiv) il-piena massima tista' titla', jekk jiġi meħud kont tar-reċidiva b'żewġ gradi, sa tnax il-sena priġunerija. Il-Qorti pero sejra tieħu qies tal-piena in bażi għal-fatt li l-valur tal-oġġetti misruqa ġie pruvat li ma kienx jaqbeż l-€2329.37 u għalhekk il-Qorti kienet sejra tieħu l-valuri tal-piena imsemmija fl-Artikolu 279(a) tal-Kodiċi Kriminali fejn il-massimu tal-piena huwa dak ta' tliet snin iżda li bl-applikazzjoni tar-reċidiva b'żewġ gradi jista' jitla' sa' ħames snin – u dan jerġa jingħad, għall-ewwel imputazzjoni biss.

(ii) u għalhekk il-Qorti qegħda tittratta miegħu għall-imputazzjonijiet li dwarhom hu kien impoġġi taħt din l-ordni ta' probation daqs li kieku għadu kemm ġiet dikjarat ħati minn jew quddiem din il-Qorti għal dawk l-imputazzjonijiet u filwaqt li għal kull buon fini tikkonfermah ħati fir-rigward tal-imsemmija imputazzjonijiet,

(iii) tħassar l-ordni tal-probation magħmula bis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti presjeduta mill-Maġistrat Dottor Doreen Clarke nhar it-28 ta' Lulju 2014 u wara li rat l-Artikoli 49, 50, 261(b)(c)(e)(f), 263, 267, 269(g), 270, 279(a), 280(2) u 289 tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll l-Artikoli 7, 18, 21, 22 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta tikkundanna lill-imsemmi Carmel Mugliett għall-piena ta' **sentejn priġunerija.**

**B'dan ifisser li l-ammont totali ta' priġunerija mogħtija b'din is-sentenza huwa ta' ħames (5) snin.**

Stante li l-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq prova li saru spejjeż ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talba għall-kundanna tal-ħati wkoll għall-ħlas tal-ispejjeż skont l-istess Artikolu.

Inoltre, wara li rat l-Artikolu 392A(1)(2) tal-Kodiċi Kriminali, tordna li din is-sentenza flimkien mal-atti tal-kawża jiġi mibgħuta lill-Avukat Ġenerali fiż-żmien mogħti mill-Liġi.

***Aaron M. Bugeja***

Ammissjonijiet/oħrajn